# It-Talba biex il-Knisja ta' San Ġiljan ikollha l-Battisteru (1855)

**Kan. Dr Jonathan Farrugia**
*S.Th.D.*

Fuq livell strettament Teoloġiku, l-ikbar don tas-sagrament tal-magħmudija hu li jagħmel mill-persuna membru tal-Knisja u iben Alla. Fuq livell aktar soċjali u antropoloġiku, il-magħmudija tista' titqies bħala, *a rite of passage* biex persuna tingħaqad ma' komunità partikolari – inżommu f'moħħna li fl-imgħoddi l-ġenituri kienu jgħammdu lil uliedhom fil-parroċċa fejn ikunu joqogħdu, mhux imorru f'xi parroċċa oħra fejn kienu jgħixu huma meta kienu tfal jew inkella f'xi parroċċa maħsuba li hi aktar importanti minn oħrajn u fejn probabbilment kien jgħix xi antenat. Il-magħmudija għalhekk hija rit li tgħaqqad lill-persuna kemm ma' dawk l-oħrajn li jgħixu fl-istess parroċċa, kif ukoll mal-knisja fejn jiġi amministrat is-sagrament flimkien mal-qaddis li lilu l-maqdes ikun iddedikat. Għalhekk se nagħtu ħarsa lejn il-ġrajja bikrija tal-battisteru tal-Knisja ta' San Ġiljan, jiġifieri ta' dak l-oġġett liturġiku li jorbot lill-persuna mal-Knisja, ma' Alla u mal-qaddis patrun.

**Dak li Nafu s'Issa**

Fis-sensiela tal-artikli fuq l-istorja tal-Knisja ta' San Ġiljan u tal-lokalità li ġġib isimha miktubin mill-editur ta' din il-pubblikazzjoni, sentejn ilu ngħataw xi dettalji dwar it-talba tal-Ġiljaniżi biex il-knisja tagħhom issir parroċċa; f'dan l-artiklu jissemma wkoll il-battisteru fejn kellhom isiru l-magħmudijiet.[1] Fi ftit kliem, il-parti li tikkonċerna l-fonti battesimali tgħid li fil-21 ta' April 1849, Ercole Mamo dei Marchesi Mompalao flimkien ma ħdax-il raġel ta' ċerta prominenza, kitbu lill-Isqof Publio M. Dei Conti Sant u ppreżentaw diversi raġunijiet għalfejn il-lokalità ta' San Ġiljan kellha ssir parroċċa awtonoma. Dawn kienu: li żdiedet il-popolazzjoni u li n-nies kellhom 'il bogħod biex imorru Birkirkara biex jirċievu s-sagramenti.

Tissemma wkoll il-biża' mill-propaganda protestanta u metodista li kienet qed issir fil-lokalità mill-Ingliżi li kienu jgħixu hemm. Dawn l-irġiel, għalhekk jitolbu lill-Isqof biex itihom mexxej spiritwali Kattoliku li b'ħidmietu jxejjen dawn l-iżvantaġġi; huma jitolbu wkoll li l-knisja ssir sagramentali, jiġifieri li fiha jkun jista' jinżamm is-Sagrament dejjem u li fiha jkunu jistgħu jiġu amministrati s-sagramenti.[2] L-eżitu tal-viżta pastorali li saret



*Il-battisteru tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan, li sar b'donazzjoni ta' Dun Ġużepp Xerri (dak iż-żmien Viċi Parroku).*

jumejn wara din id-data, kien li l-Knisja ta' San Ġiljan saret viċi parroċċa u sagramentali, iżda milli jidher apparti t-tqarbin, is-sagramenti ma kinux isiru fiha. Papagiorcopulo jgħid li din l-informazzjoni tingħata fil-ktieb ta' Benjamin Vella, *Storja ta' Birkirkara u l-kolleġġjata tagħha*, miktub fl-1934.

Aktar 'l isfel fl-artiklu naqraw li kien waqt il-viżta pastorali ta' Diċembru tal-1858, jiġifieri disa' snin wara, li l-Isqof Fra Gaetano Pace Forno, jobbliga lill-Viċi Parroku, Dun Ġużepp Xerri biex iqiegħed fonti tal-magħmudija qrib il-bieb ta' barra tal-knisja. Xerri ħa l-aħbar bil-ferħ u ħallas il-battisteru minn flusu. Ir-reġistrazzjonijiet tal-magħmudijiet bdew jinżammu mill-24 ta' Frar 1859, jiġifieri wieħed jassumi li kien bejn Diċembru u Frar ta' wara li l-fonti ġie ordnat, inħadem u tpoġġa f'postu.

## Id-Dokument tal-1855

Minn riċerka li kont qed nagħmel fost ir-rikorsi li saru mil-lokalità ta' San Ġiljan, ġie f'idejja dokument tas-sena 1855 li b'xi mod jikkorrobora dak li nkiteb s'issa, imma li fl-istess ħin iqajjem xi mistoqsijiet dwar kemm is-sorsi kienu infurmati tajjeb. Din t'hawn taħt hija t-traduzzjoni bil-Malti ta' din is-supplika:



*It-talba lill-Isqof Djoċesan għall-permess sabiex jitwaqqaf fonti tal-magħmudija fil-Knisja ta' San Ġiljan (1855).*

*"Eċċellenza Reverendissima, dawk li jgħixu u dawk li marru villeġġjatura f'San Ġiljan, qaddejja umli u sudditi fidili ħafna tal-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima, bil-qima kollha jesponu li l-magħmudija ta' wliedhom fil-Knisja Matriċi ta' Birkirkara qed tkun għalihom ta' skomdu kbir ħafna, meta jitqies il-faqar li fih jgħixu wħud minnhom, kif ukoll it-triq li jeħtiġilhom jagħmlu, ħaġa li hi ta' ħsara kbira għat-tfal ladarba jkollhom jiġu esposti għall-bdil tal-arja u għal ħafna perikli oħra. Għaldaqstant jitolbu lill-ġa mfaħħra Eċċellenza Tiegħek Reverendissima biex tagħtihom permess iwaqqfu fonti tal-magħmudija fil-knisja sagramentali ta' dan ir-raħal, u biex tawtorizza lill-Viċi Parroku lokali biex jamministra s-sagrament tal-magħmudija b'mod solenni.*

*Nitolbu l-barka tiegħek."*

L-ismijiet tal-firmatarji ta' din l-ittra huma miġjuba f'żewġ listi, l-ewwel waħda ssemmi lil Dr Michele Parnis, Ercole Mamo De Marchesi Mompalao, Gaetano Borg Olivier, Gaetano Parlato, Gaetano Fenech, Lorenzo Gauci, Vincenzo Dimech, Dr (l-isem mhux ċar), Salvatore Mattei u Salvatore Vidal, waqt li t-tieni lista ġġib l-ismijiet ta' Michele Mallia, Angelo Galea, Giovanni Mallia, Michele Bonnici, Emanuele Bonnici, Giuseppe Briffa, Antonio Caruana, Giusto Sant, Lorenzo Fenech, Giuseppe Zerafa, Alfredo Scerri, Dr Aloi. Mallia, Dr Agostino

Spiteri, Salvatore Vella, Giuseppe Zerafa, Giovanni Micallef, Constantino Micallef, Giacomo Briffa u Constantino Mamo.

Taħt il-firem hemm nota miktuba mill-Arċisqof jew mis-segretarju tiegħu li tgħid li dak li ġie mitlub fl-ittra ġie riferit lill-Kanonku Prepostu Kurat ta' Birkirkara nhar l-24 ta' Awwissu 1855. Aktar 'l isfel insibu nota oħra mill-istess id li tgħid li dak li ġie mitlub kellu jsir. Id-data hija tas-16 ta' Ottubru 1855.[3]

Analiżi fil-qosor tal-ittra, miktuba f'nofs is-sajf, turina li r-raġuni prinċipali għalfejn inkitbet kienet il-kwistjoni tal-magħmudijiet tat-trabi. Ir-raġunijiet li jinġiebu huma d-distanza bejn Birkirkara u San Ġiljan u l-*perikli* li għalihom kienu jiġu esposti t-trabi tul il-vjaġġ. Jissemma wkoll il-faqar tar-raħħala, li probabilment jirreferi għall-fatt li l-vjaġġ ikollhom jagħmluh bil-mixi u mhux f'xi karettun miġbud minn żiemel jew bagħal. Skont l-ittra, hija għal din ir-raġuni li l-firmatarji (kollha lajċi) jitolbu li huma stess iwaqqfu fonti battesimali fil-knisja li kienet ġa sagramentali. Interessanti ħafna li l-ittra mhix miktuba biss f'isem ir-raħħala, imma wkoll f'isem il-persuni li kienu jmorru San Ġiljan għall-villeġġjatura fil-ġimgħat tas-sajf. Dan jista' jindika li anke f'dawn li kienu jmorru hemm għal parti żgħira mis-sena kien tnissel sens ta' għaqda mal-lokal tant li ppreferew jgħammdu lil uliedhom li jitwieldu fis-sajf hemm flok fil-parroċċi fejn kienu jgħixu tul is-sena.

Jekk inħarsu lejn l-ismijiet tal-firmatarji mill-ewwel ninnutaw isem li jissemma fil-ktieb ta' Vella: Ercole Mamo de Marchesi Mompalao. Il-kunjomijiet u t-titli mal-ismijiet tal-ewwel lista, jagħtuna x'nifhmu li dawn kienu nies ta' ċerta klassi, mhux raħħala komuni, għalhekk probabilment dawn kienu l-villeġġjanti li kienu jmorru f'San Ġiljan fis-sajf, u forsi xi ħadd minn San Ġiljan li kien benestanti jew għamel karriera. L-ismijiet tat-tieni lista, li ħafna minnhom huma miktuba bl-istess kaligrafija – jiġifieri li xi ħadd kiteb l-ismijiet għan-nom tagħhom bħalma kien isir meta n-nies ma kinux ikunu jafu jiktbu, huma aktar komuni u iżjed fin-numru, għalhekk nassumi li huma wħud minn dawk li kienu jgħixu fir-raħal tul is-sena kollha.

Issa li stabbilixxejna x'tgħid din l-ittra, nistgħu nibdew inħarsu lejn il-mistoqsijiet li tqajjem. Skont Vella, ittra b'talba simili saret fil-21 ta' April 1849, jiġifieri 6 snin qabel. Vella ma jiċċitax is-sors tiegħu. Id-differenza li nsibu bejn il-kontenut taż-żewġ ittri hija li dik li jiċċita Vella ssemmi li fiha tnax-il persuna – immexxijin minn Mamo dei Marchesi Mompalao – jitolbu li San Ġiljan isir parroċċa u l-kwistjoni tal-magħmudija hija waħda mir-raġunijiet. Fost ir-raġunijiet għalfejn kellhom isiru l-magħmudijiet f'San Ġiljan tissemma d-distanza bejn ir-raħal u bejn il-Matriċi. Raġuni oħra għalfejn f'San Ġiljan kellu jkun hemm saċerdot fiss (u b'hekk, almenu, tibda t-triq għall-awtonomija) hija l-propaganda mhux Kattolika li kienet qed issir mill-Ingliżi fil-kulleġġ li kien infetaħ fi *Strada Collegio* wara l-Knisja tal-Karmnu fil-Balluta. L-ittra li qed nippubblikaw din is-sena ġġib l-isem ta' *Erchole Mamo dei Marchesi Mompalao,* imma dan huwa mniżżel wara isem ieħor, dak ta' Dr Michele Parnis, li skont il-viżta pastorali tal-1849, kien il-prokuratur tal-knisja.[4] Ħdejn isem Mamo dei Marchesi Mompalao, però, hemm nota li tgħid, "*proprio ed a nome detti sottoscritti*", jiġifieri wisq probabbli kien hu li ġabar il-firem tal-oħrajn. Forsi Parnis



inkiteb l-ewwel jew għax kien hu l-mutur wara din it-talba, jew inkella għax kien persuna b'aktar prominenza minħabba r-rwol li kellu. In-numru tal-firmatarji huwa ta' disgħa u għoxrin, mhux ta' tnax bħalma jimplika Vella. F'din ma tissemmiex ix-xewqa li ssir parroċċa awtonoma, imma biss li jibda jiġi amministrat is-sagrament tal-magħmudija. Il-biża' tal-propaganda mill-Protestanti u l-Metodisti ma tissemmiex.[5]

Allura din hija l-istess ittra li jsemmi – bla ma jiċċita s-sorsi – Vella? Jien naħseb li hi l-istess waħda, mhux biss għax iddur mal-istess tema, imma wkoll għax imkien f'din l-ittra ma hemm referenza għal talba li kienet saret qabel, bħalma wieħed jistenna li jsib li kieku talba tali kienet ġa saret. Nemmen li Vella, bħal ħafna *storiċi* tal-imgħoddi u ta' żmienna li jiktbu l-istorja bla ma jagħmlu r-riċerka, żamm ma' dak li kien jisma' jingħad f'Birkirkara tmenin sena wara li seħħew il-ġrajjiet u ħareġ bit-teorija tal-ittra li suppost inkitbet jumejn qabel il-viżta pastorali tal-1849, meta fir-realtà din inkitbet sitt snin wara meta San Ġiljan kien ġa viċi parroċċa.

It-tieni mistoqsija, u forsi l-aktar waħda importanti, tirrigwarda l-fonti battesimali nnifsu. In-nota miktuba mill-isqof nhar is-16 ta' Ottubru 1855 fil-parti t'isfel ta' din l-ittra tgħid li l-permess biex jitwaqqaf il-fonti, ngħata. Ir-reġistru tal-magħmudija, iżda, juri li l-ewwel magħmudija uffiċjali saret hemm fl-24 ta' Frar 1859 wara li l-Viċi Parroku, Dun Ġużepp Xerri ġie ordnat mill-Isqof xahrejn qabel biex jagħmel fonti, li mbagħad ħallas hu stess. Jekk ġa kien hemm il-permess biex jitwaqqaf fonti, u għalhekk biex tibda tiġi amministrata l-magħmudija, fl-1855, għaliex kellhom jgħaddu erba' snin oħra biex dan daħal fis-seħħ? Ma nimmaġinax li kienet l-oppożizzjoni mill-Matriċi, peress li jekk inħolqot problema minn dan l-ambitu, din ġiet iċċarata jew megħluba bejn l-24 ta' Awwissu 1855 (meta ġie infurmat il-Prepostu bit-talba) u s-16 ta' Ottubru 1855 (meta l-permess ħareġ). Il-finanzi

lanqas ma nimmaġina li kienu raġuni għal din l-istennija: żgur li n-nies li ressqu t-talba kienu lesti li jħallsu huma stess għall-fonti,[6] apparti mill-fatt li mbagħad ħallsu l-Viċi Parroku minn butu, jiġifieri flus kellu! Jien aktar naħseb li kienet kwistjoni ta' preċedenza li żamm Dun Ġużepp Xerri. Fl-ittra hu ma jissemma mkien ħlief fl-aħħar fejn jintalab li hu jkollu l-awtorità jgħammed b'mod solenni.[7] Il-firmatarji jitolbu lill-Isqof *"a voler degnarsi di* ***conceder loro*** *la facoltà di erigere un fonte battesimale nella Chiesa Sagramentale..."*, fi kliem ieħor huma talbu **biex huma** stess jagħmlu dan il-fonti... is-saċerdot inkarigat mill-knisja jidher li la kien konsultat u wisq anqas ittieħed inkonsiderazzjoni ħlief biex jaħsel l-irjus tat-trabi! Jista' jkun li Dun Ġużepp deherlu li din it-talba kellu jagħmilha hu, u mhux in-nies tal-lokal, u hekk stenna sakemm irċieva ordni dirett mill-Isqof ta' wara meta dan ġie jagħmel il-viżta pastorali fl-1858? Jien naħseb, li dan kien il-każ. L-Isqof Sant spiċċa mill-kariga fl-1857, imma ma jidhirx li qatt mar jara jekk il-fonti li hu ta permess biex jitwaqqaf f'San Ġiljan kienx fil-fatt tpoġġa jew le! Dan kellu jagħmlu u jinfurzah is-suċċessur tiegħu sena wara.

## Għeluq

Minkejja li xi ftit jew wisq ma tantx inbidlet l-istorja minn kif inhi magħrufa s'issa, dan id-dokument minsi jgħinna nallokaw b'mod aktar preċiż is-sena li fiha ġie mitlub mill-abitanti ta' San Ġiljan biex jibdew isiru l-magħmudijiet fil-knisja tagħhom, u jurina wkoll id-data minn meta kellhom il-permess jagħmlu dan, minkejja li l-permess tpoġġa fil-prattika kważi erba' snin wara.

**Riferenzi:**

1 Niki Papagiorcopulo, Ġrajjiet il-Knisja ta' San Ġ*iljan (VII): It-Twaqqif ta' Viċi Parroċċa*, f'Lapsi 2015, 89-103.

2 Dan ma kienx isir bilfors fil-każ ta' viċi parroċċi, u anke jekk setgħu jsiru xi sagramenti, r-reġistrazzjonijiet tagħhom kienu jibqgħu jinżammu fil-knejjes parrokkjali sakemm il-viċi parroċċi jakkwistaw l-awtonomija sħiħa.

3 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, *Suppliche* 50, 1855/2, f.450.

4 Alexander Bonnici, *Il-Viċi Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan 1849-1942*, f'*San Ġiljan mitt sena parroċċa 1891-1991* (ed. Stanley Fiorini), Malta 1992, 150.

5 Ir-referenza ċerta li għandna għal din it-theddida hija fil-kitbiet ta' Dun Ġużepp Xerri miżmuma fl-arkivju parrokkjali tal-parroċċa, iċċitati fl-artiklu ta' Bonnici 1992, 152-153.

6 Kull meta jsir rikors għal xi ħaġa li tinvolvi l-ispejjeż, ir-rikorrent dejjem irid ikun lest li joħroġ il-flus. Dan kien jgħodd anke meta n-nies jitolbu li jkollhom saċerdot fiss fi knisja – kienu jridu jkunu lesti li jħallsu l-manteniment tiegħu.

7 *Solenni* nimmaġina li hawn tfisser fi knisja bir-riti u ċ-ċerimonji kollha. Dan jimplika li xi forma ta' magħmudijiet kliniċi kienu ġa jsiru fil-knisja tal-lokal, speċjalment f'każijiet urġenti ta' trabi li jitwieldu dgħajfa u qrib il-mewt. Waħda minn dawn kienet il-magħmudija li saret fil-31 ta' Mejju 1852 fil-Knisja ta' San Ġiljan u reġistrata fl-arkivju ta' Birkirkara (Bonnici 1992, 151).